

Brussell, 8 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

8732/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0447 (COD)

---

---

CODEC 809  
VETER 64  
AGRI 328  
AGRILEG 108

### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' <b>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL</b> dwar il-benesseri tal-klieb u l-qtates u t-traċċabbiltà tagħhom ( <b>l-ewwel qari</b> ) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

---

1. Fis-7 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha<sup>1</sup>, ibbażata fuq l-Artikoli 43(2) u 114 TFUE, lill-Kunsill.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Marzu 2024<sup>2</sup>.
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
4. Fit-28 ta' April 2026, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni<sup>3</sup>. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

---

<sup>1</sup> 16406/23 + ADD 1.

<sup>2</sup> ĠU C, C/2024/3388, 31.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/3388/oj>.

<sup>3</sup> 8336/26.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 2/26, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, biċ-Ċekja tivvota kontra.
6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u dak tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---